

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

Immaniġġar ta' l-assi tal-KEFA u tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar *

P6_TA(2008)0073

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Marzu 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni 2003/77/KE li tistabbilixxi linji gwida finanzjarji multi-annwali għall-amministrazzjoni ta' l-assi tal-KEFA f'likwidazzjoni u, mat-twertiq tal-likwidazzjoni, l-Assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar (COM(2007)0435 — C6-0276/2007 — 2007/0150(CNS))

(2009/C 66 E/17)

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0435),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/76/KE skond liema artikolu ġie kkon-sultat mill-Kunsill (C6-0276/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A6-0062/2008),
1. japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 4. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.
-